TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Rachelle Chetcuti

vs

Ponte Ferries

CCT193/21/MS

22 ta' Frar 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fil-15 ta' Novembru 2021 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna l-azjenda intimata thallasha s-somma ta' €749.87, spejjes u danni inkorsi ghal-kiri ta' karrozza, ikel u akkommodazzjoni, u dan wara li l-azjenda intimata kancellat il-vjagg taghhom, li kien skedat ghas-6 ta' Awwissu 2021.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata, fejn cahdet it-talba tar-rikorrenti bhala infondata fil-fatt u fid-dritt u qalet illi s-socjeta' qdiet l-obbligi taghha ai termini tar-Reolament 1177/2010 u marret oltre mill-obbligi taghha billi offriet ir-rikorrenti rimbors ta' €170.00 ghall-biljett tal-karozza; illi r-rikorrenti ma gabitx provi li hi kriet karrozza u lanqas tal-lejl addizzzjonali li kellha taghmel.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fid-29 ta' Gunju 2021 ir-rikorrenti xtrat biljetti ghal vjagg ghall-erbgha minn nies li kellu jsir bil-karrozza (Sicily by car) mal-Ponte Ferries minn Malta ghal Sqallija bejn is-6 ta' Awwissu sal-10 ta' Awwissu 2021. Gurnata qabel - u cjoe' fil-5 ta' Awwissu, ir-rikorrenti giet avzata li l-vjagg kien gie kancellat u r-rikorrenti giet offruta rifuzjoni jew inkella l-ghazla li tivjagga bl-ajruplan. Peress illi hija kienet diga ibbukjat u hallset ghall-lukanda u kien tard wisq biex tikancella, ghazlet illi tivjagga bl-ajruplan ghax inkella kienet titlef hafna iktar flus. Peress illi huma originarjament kienu ser jivvjagaw

bil-karrozza, huma kellhom bzonn jikru karrozza hemmhekk, u gew offruti vouchers sabiex ikunu jistghu jikru minghand kumpanija f'Sqallija.

Il-vjagg fis-6 ta' Awwissu kien skedat fil 05.40am u sadanittant ma rcievu l-ebda vouchers u saru jafu illi kellhom jikru karrozza a spejjes taghhom. Di piu', peress illi ma kien hemm l-ebda titjira minn Sqallija ghal Malta fl-10 ta' Awwissu, kellhom l-ghazla jew jigu lura gurnata qabel jew gurnata wara. Peress illi kellhom il-lukanda diga mhallsa iddecidew li ma jitilfux gurnata u jzidu gurnata minflok. Ghamlu lejl f'hotel iehor vicin l-ajurport.

Illi ghalkemm l-azjenda intimata ghamlet risposta, hadd mill-azjenda ma deher quddiem dan it-Tribunal. Ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni ohra guramentata li b'xi mod tikkontrasta dak li qed tghid ir-rikorrentii.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta, anke mir-risposta tal-azienda intimata, illi r-rikorrenti kienet ibbukjat dan il-vjagg, liema vjagg gie kancellat. Jirrizulta ukoll illi l-azjenda intimata irrifondiet lir-rikorrenti s-somma ta' €170,00 ghall-biljett tal-karrozza li kienet xtrat.
Dan il-fatt gie anke konfermat mir-rikorrenti. Fil-fatt, mix-xhieda taghha kif ukoll mid-dokument esebit jidher li r-rikorrenti effettivament nefqet €557.87 ghal kiri ta' karrozza (u mhux €807.00), mentri fl-avviz taghha talbet biss l-ammont €387.87. Dan ifisser illi r-rikorrenti hadet in konsiderazzjoni (u naqset) l-ammont illi hadet lura bhala rifuzjoni mill-azjenda intimata. (€557.87 - €170.00 = €387.87).

Bhala fatt ukoll, peress illi kellhom jitilqu fil-11 ta' Awwissu r-rikorrenti u l-familja taghha ghamlu lejl extra go lukanda fi Sqallija u ghal dan il-lejl talbet l-ammont ta' €194.00. Kuntrarjament ghal dak li hemm eccepit fir-risposta tas-socjeta' intimata, jidher illi saret prova ta' dan il-lejl zejjed. Mid-dokumenti esebiti, hemm zewg ircevuti differenti ghal Catania International Airport Hotel - bejn il-10 u l-11 ta' Awwissu 2021. It-Tribunal ser jikkunsidra biss l-ircevuta tal-ospiti Chetcuti fejn hemm indikat l-ammont ta' €166.50. Peress illi r-rikorrent ma spejegatx kif waslet ghac-cifra ta' €194.00, it-Tribunal ser jikkunsidra biss l-ammont indikat fl-ircevuta.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ikel u l-pranzu illi r-rikorrenti hallset talli kellhom joqghodu lejl extra, ir-rikorrenti esebiet ircevuta datat 10/8/ 2021 fl-ammont ta' €336.00. L-ircevuta jindika illi kien hemm hdax il-persuna illi kielu dak in-nhar. Fil-fatt ir-rikorrenti talbet €168.00 mill-ammont kollu, pero' ma spjegatx kif waslet ghal din ic-cifra. Ghalhekk, it-Tribunal ser jifissa dan, *arbitrio bono viri* fl-ammont ta' €120.00.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzialment it-talba tar-rikorrenti u jordna l-azjenda intimata thallasha s-somma ta' sitt mija erbgha u sebghin euro u sebgha u tletin centezmu (€674.37). Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru